**Vizzju.**

Ħallieħ għaddej misjuq minn mewġ il-baħar
Ma jistrieħ qatt, idallam u jitwieżen.
X’ser nagħmel bih, dan l-mostru li ħakimni?
Bil-frosta moħħi jsuq bl-ilġiem tal-vizzju,
Il-kewkba matutina f’għajnejħ tilma
Mitluf fil-ħolm sabiħ sirt qisni iblaħ.
Għall bidu bit-tnikkir imbagħad bil-qawwa
Flimkien tal-ħajja niżfnu din iż-żifna.
Sal-għabex tal-lejliet, għażliet imħawwda
Xi minn daqqiet ilwien qawsalla,
U bqajna qatt ma ltqajna għalkemm sirt vittma.
F’kull kantuniera sibt it-tentazzjoni.
U ħajr għalih sirt nobgħod lili nnifsi,
Filwaqt li ngħix il-qerq, is-serq u l-gideb.
Tagħlaq għajnejk bl-iskuża tal-imħabba,
Għalija dan tiġrib, din biss passjoni.
Xi darba kelli ħajja u kont qed ngħixha
Spiċċajt fuq sodda nitlob lill-mewt ġejja;
Kull ħarġa tkun tqanqila jew missjoni
Inkella tradiment għax tlajt il-ġenna.
Insalpa f’oċean ta’ ferħ u dwejjaq
Ninkalja mbagħad fuq xtajta solitarja
Bix-xewqa kbira għal ġid u l-opulenza,
Flus, lussu mdendel b’ħajta rqiqa.
Tfixkilt il-pass u qbadt it-triq tan-niżla,
Kollox duħħan xħin tasal fuq ix-xifer;
’l-fuq mill-iskwallur bħal tajra togħola
Imbagħad ix-xemx bis-sħana tħoll il-ġwienaħ
Bħal anġlu li jindarab f’nofs titjira
Tispiċċa mbagħad mal-art: għasfur tal-passa.

Alfred Grech.
26/06/2024.

**Il-Ħajja Vizzju.**
Kif tista' twaqqaf din i-żifna
Kull nifs li tieħu sar lotterija
Kull pass mar-ritmi tqal tat-tnabar
Minn fuq il-qċaċet,
Ġewwa l-widien
Mingħajr ma tkun qed tidħak bik innifsek.

Aħna nixorbu ż-żernieq
Kull meta nduqu x-xampanja effervexxenti
Fis-sakra ta' xita sajfija
Fir-reħa ta' raxx il-baħar
Id-daħq iċarrat is-sejħa mudlama
U t-tlugħ u nżul li lkoll nixtiequ.

Kulħadd imxennaq għal ftit tad-dija
Mitlufa fil-ħsejjes ta' filgħaxija
Wara l-għabex tal-ispettaklu
Waqtiet li tlifna, waqtiet li sibna
Ma kull ħoss, ma kull tnehida.

Il-qalb tambur mal-għana tas-sireni
Tilqagħna ġo l-għarix li jixirqilna,
Niġru wara l-ħolm, niġġieldu l-biża'
Kemm bil-moħbi u kemm fid-dieher.

Nixtiequ aktar, dan mhux niżżejjed
Il-morr, il-ħelu, il-lixx u l-aħrax
Ma kull bewsa, ma kull offiża
Infittxu t-tqanqiliet ta' dak li aħna.

Il-ħajja tfesfis, il-ħajja twerżieq
Fid-dawl tal-jum fil-ħolm tal-għada
Dawra durella fiċ-ċirku etern
Vjaġġ illi tmiemu qatt ma tarah.

Għalhekk fittixni f'din it-tgħannieqa
Mogħti għal ġiri, dal-viżżju selvaġġ
Qalbi f'idejja naqbeż fil-beraħ
Hemm għad issibni f'għajn l-uragan.